MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1746/2005

**Dr Vincent u Marjory konjugi Raimondo**

**vs**

**David Aquilina**

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fid-9 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) rapprezentanti parti minn bilanc dovut mill-konvenut skond kuntratt datat 10 ta' Settembru 1999 in atti Nutar Dr Carmel Gafa permezz ta' liema kuntratt il-konvenut irrenda ruhu debitur cert likwidu u dovut a favur ta' l-atturi fis-somma ta' sitt elef lira Maltija (Lm 6,000).

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qal li:-

1. It-Tribunal huwa nkompetenti jiehu cognizjoni tal-vertenza “ratione valoris”, u in vista tal-kontenut ta’ kuntratt normali.
2. Id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.
3. B’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Carmel Gafa tal-10 ta’ Settembru 1999, l-eccipient xtara minghand Dr Vincent Raimondo il-fond numru 380, Zabbar Road, Fgura, bil-prezz ta’ Lm24,500, li minnhom Lm18,500 gew lill-kompratur mislufin mill-Bank of Valletta. Fil-paragrafu 1 ta’ l-istess kuntratt jinghad li Lm4500 kienu mhallsa mill-venditur qabel il-kuntratt Lm18,500 gew imhallsa lill kompratur mill-Bank of Valletta fuq l-atti u l-bilanc “is hereby being paid presently by purchaser to vendor who accepts and hereby leaves due receipt in full and final settlement of the full purchase price”. (Dok A)
4. Minghajr pregudizzju, illi jekk l-atturi ghandhom xi pretensjoni riguardanti il-kontenut tal-kuntratt kif ghandu jigi interpretat, imisshom qabel xejn intentaw azzjoni quddiem il-Qorti kompetenti, biex kif l-imsemmi kuntratt, b’dikjarazzjoni, li l-kontenut huwa in parte inveritier.
5. Illi fl-istess hin tal-kuntratt l-eccipient gie mitlub jiffirma id-dokument markat “A”, esebit mal-avviz, u redatt min-Nutar, izda kopja ta’ dak id-dokument qatt ma inghatat lill-eccipient, u huwa qatt ma rcevieh.
6. Illi qabel il-kuntratt fuq riferit, sar konvenju bejn il-partijiet, redatt minn Dottor Carmel Gafa w dak inhar l-eccipjent kellu jhallas in akkont lil Dr Raimondo Lm2,400, u meta gie biex jirceviehom, hadhom Dottor Gafa u dan tefahom fil-bagalja tieghu u qal lil Dr Raimondo “Dawk tohodhom fuq il-kuntratt”. L-eccipient qatt ma inghata kopja tal-konvenju.
7. Minghajr pregudizzju, li l-eccipient huwa kwazi analfabeta u ma jifhimx bil u ma jaqrax il-lingwa Ingliza, u ghamel dak li qallu n-Nutar.
8. Illi ghar-raguni spjegata fil-paragrafu precedenti, l-eccipient gie mitlub jaghmel pagamenti ohra lil Dr Raimondo, ghar-ragunijiet li ma gewx lilu spjegati.
9. Illi d-difensur ta’ l-eccipient, sottoskritt, kiteb u spjega il-kontenut fuq espost lil Dr Raimondo, fit-18 ta’ Marzu, fis-6 u fl-24 ta’ Mejju 2005, u qatt ma rcieva risposta (Dok B, C u D).

10.Illi l-eccipient jirriserva d-dritt li jitlob ir-rifusjoni ta’ flus li hallas lil Dottor Gafa u Dr Raimondo b’raggiri fraudolenti quddiem Qorti Kompetenti.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal ta’ l-udjenza mizmuma fit-3 ta’ Novembru 2005 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjonijiet ta’ inkompetenza tat-Tribunal *ratione valoris*.

Ikkunsidra

Mill-atti jirrizulta li fl-10 ta’ Settembru 1999 saru zewg kuntratti bejn il-kontendenti, it-tnejn ippublikati min-Nutar Dr Carmel Gafa. Wiehed huwa kuntratt ta’ self u bejgh li permezz tieghu l-konvenut ha self mill-Bank of Valletta plc u xtara minghand l-atturi l-fond urban 380, Zabbar Road, Fgura (dan il-kuntratt huwa esebiet a fol 9 et seq tal-process).

Il-kuntratt l-iehor huwa kostituzzjoni ta’ debitu li permezz tieghu l-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru cert u likwidu debitur ta’ l-atturi fis-somma ta’ sitt elf lira Maltija (Lm6,000) li kellhom jithallsu lill-atturi f’pagamenti mensili ta’ mhux anqas minn mitt lira (Lm100) il-wiehed (dan il-kuntratt huwa esebiet a fol 2 tal-process).

Din il-kawza saret ghall-hlas ta’ somma ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) rapprezentanti parti minn bilanc dovut mill-konvenut lill-atturi.

Il-konvenut qed jikkontendi zewg affarijiet fir-rigward ta’ l-eccezzjoni mqajma minnu u cioe li l-ammont allegatament dovut lill-attur f’l-intier tieghu huwa sitt elef lira Maltija (Lm6,000) u ghalhekk jeccedi l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal; u li l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu, esebiet a fol 2 tal-process, sar bi frodi.

L-atturi min-naha l-ohra jikkontendi li z-zewg kuntratti huma separati u distinti wiehed mill-iehor u li l-pretensjoni taghhom, kif dedotta, hija ghas-somma determinata ta’ elf u hames mitt lira (Lm1,500) rapprezentanti pagamenti menisili li ma sarux mill-konvenut, u ghalhekk ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

F’ dan ir-rigward l-artikolu 780(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li l-valur ta’ l-oggett tal-kawza hu determinat mit-talba, meta hija ghall-hlas ta’ somma determinata. Pero huwa pacifiku li l-kompentenza ma tiddependix mid-domanda biss, imma anke mill-eccezzjoni.

Jista’ jigri li l-Qorti tigi necessarjament mitluba, bhala konsegwenza ta’ l-eccezzjoni mghotija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiema, li tikkunsidra u tiddeciedi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha (ref Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe Appell Sede Inferjuri 31.07.1996. Ara wkoll f’dan is-sens Oscar Busuttil vs Giuseppe Camilleri Qorti Civili Prim Awla 02.06.1952; Margherita Rizzo vs Edgar Zahra Appell Sede Inferjuri 10.01.1953; Maria Grazia Pullicino et vs Assuero Ellul Qorti Civili Prim Awla 25.10.1966).

Il-Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta pero jipprovdi li t-Tribunal “ghandu jissospendi l-procedimenti tieghu jekk il-parti tattakka t-talba bil-mezz ta’ eccezzjoni, li tinvolvi kwistjoni li taqa’ barra mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal” [ref artikolu 7(2)(a)].

Fil-kaz in ezami, kif diga ntqal l-oggezzjoni tal-konvenut hija bazata fuq zewg fatturi u cioe l-fatt li l-allegat kreditu fl-intier tieghu huwa sitt elef lira (LM 6,000) u li l-kuntratt li minnu huwa naxxenti dan il-kreditu huwa null ghax il-kunsens tal-konvenut gie karpit bi frodi.

Dwar l-ewwel punt it-Tribunal huwa tal-fehma li m’ghandux ikun hemm dubju dwar il-kompentenza tieghu. It-talba hija cara u s-somma determinata: elf u hames mitt lira (Lm 1,500). Huwa veru li l-ammont mitlub huwa bilanc minn somma akbar u cioe sitt elef lira (Lm 6,000) pero t-

talba hija ghal dik il-parti mis-sitt elef lira Maltija (Lm 6,000) li skond l-atturi kienet dovuta fil-mument tal-prezentata ta' l-Avviz.

Id-diffikolta tqum minhabba li l-konvenut qed jattakka l-validita ta' l-att notarili li minnu huwa naxxenti l-obbligu tal-konvenut li jhallas l-ammonti fuq indikati; il-konvenut qed jallega li l-kunsens tieghu gie karpit fi frode u ghalhekk il-kuntratt huwa null. Tenut kont tal-principji li jirrigwarda l-kompetenza tat-Tribunal ma jezisti l-ebda dubju li dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jiddeciedi dwar il-validita o meno ta' dan il-kuntratt (esebiet a fol 2 tal-process).

Fil-fehma tat-Tribunal jekk huwa l-konvenut li qed jattakka l-validita ta' dan il-kuntratt jispetta lilu li jipprocedi quddiem il-Qorti Kompetenti biex ifittex ir-rimedju li jixtieq, u mhux lill-atturi. Dawn konvinti mill-validita tal-kuntratt li fuqu qed jibbazaw it-talba taghhom pprocedew korrettement quddiem dan it-Tribunal ghall-hlas ta' l-ammont minnhom reklamat.

Pero t-Tribunal ma jistax jinjora l-fatt li biex isir ezami shih u ekwu ta' l-eccezzjoni mqajjma mill-konvenut ghandha tigi determinata l-validita o meno tal-kuntratt imsemmi, haga li dan it-Tribunal ma jistax jaghmel.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal ghalkemm inizjalment kompetenti, u b'applikazzjoni tal-paragrafu (a) tas-subartikolu 2 ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed jissospendi s-smiegh tal-kawza u tippreffiggi t-terminu ta' xahar zmien mill-llum biex il-konvenut jipproponi l-azzjoni opportuna; jiddiferixxi l-kawza *sine die* riappuntabbli b'rikors minn xi parti wara li tkun ghaddiet in gudikat il-kawza li ghandu jipproponi l-konvenut fit-terminu lilu mghoti, jew f'kaz li jaghzel li ma jaghmilx hekk, appena jiskadi dak l-istess terminu inutilment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghal-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------